MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 416/2003

**Avantgarde Tile and Stone Limited u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2006 isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal Avantgarde Holdings Limited.**

**Vs**

**Ignatius u Stephanie konjugi Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici tablet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundanati li jhallsu s-somma ta' Lm1638.83 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta':
(a) materjal u oggetti mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti kif ukoll
(b) ta' sevizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuti fuq ordni u inkarigu tal-konvenut;

kollox bl-imghax u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-proceduri odjerni, kontra tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 25 ibid) u li biha eccepew bir-rispett :-

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi subordinatament u bla preguddizju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz il-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuti, gew konsiderati s-segwenti fatti :-

a) L-avviz in ezami gie prezentat fit-<u>22 ta' Awissu 2003</u> u gie notifikat lill-konvenuti rispettivament f'zewg dati differenti, cioe' fil-15 ta' Mejju 2004 u fis-6 ta'Gunju 2004 (ara fol 30 tal-atti)
b) Bhala provi, l-konvenuti ma ssottomettew l-ebda prova waqt li s-socjeta' attrici produciet lil <u>Joseph Vella</u> li esebixxa wkoll diversi dokumenti (fol 36 sa fol 46 ibid). Dan semma illi fil-perjodu kollu in kwistjoni, kien hemm ghaddejin diversi trattativi bejn il-partijiet involuti dwar "xi problemi li kienu nqalghu". B'referenza ghad-dokumenti esebiti dawn huma:-
i) <u>il-ftehim</u> relattiv bejn l-istess partijiet dwar ix-xoghlijiet in kwistjoni, liema ftehim u datat il-15 ta' Novembru 2000.
ii) anness mal-istess ftehim kien hemm id-dokument esebit a fol 40 ossia l-hekk imsejjah "Bill of Quantity" fejn hemm specifikat dak kollu relevanti kwantu

ghal kwantita u tip ta; material konsistenti f'madum kwantu ghar-rati miftehma kwantu ghall-prezz totali u kif dan kellu jithallas.

iii) A fol 41, tinsab esebita kopja tal-fattur finali fejn, fil-fatt, hemm indikat prezz akbar minn dak specifikat fid-dokument precedenti. L-istess "invoice" hu datat l-4 ta' Jannar 2001.

iv) A fol 42 ibid, hemm kopja ta' "credit note" mahruga favur il-konvenut ammontanti ghal Lm115.48 u datat t-18 ta' April 2002.

v) "Statement" datat it-30 ta' Lulju 2002 u li fih hemm specifikat il-bilanc li ghadu dovut ossia l-ammont mitlub fl-avviz

vi) Kopja ta' ittra bid-data tad-9 ta' Mejju 2002 mibghuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici u li fiha hu jasserixxi illi l-ammont mitlub ma jistax jithallas minhabba l-allegati difetti fil-kwalita' tat-"tiles" provduti minnha ("poor quality tiles").

vii) Zewg ittri esebiti a fol 45 u 46 dwar l-istess ilmenti sottomessi mill-konvenut wara talba, permezz ta' ittra interpellatorja ghall-hlas tal-istess ammont mitlub

Ikkunsidrat

Illi mill-istess dokument jidher evidenti illi l-konvenut, matul il-perjodu kollu bejn meta gie konsenjat il-materjal in kwistjoni u gie esegwit ix-xoghol in ezami, pressumibilment ftit qabel l-4 ta' Jannar 2001 (ara l-fattura a fol 41 ibid) u l-ittra, mibghuta minnu u li tinsab a fol 44 ibid, kien qieghed kontinwament jilmenta dwar il-kwalita' ta' materjal provdut mis-socjeta' attrici u b'hekk il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz kien qieghed jigi interott kontinwament u verbalment kif ukoll permezz tal-istess ittra (ara f'dan ir-rigward l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili).

Illi b'referenza ghaz-zewg artikoli citati fl-eccezzjoni preliminari in ezami, jidher car li f'dan il-kaz, trattasi ta' prezz ta' xoghol u materjal provduti minn kuntrattur ghandu japplika l-perjodu ta' preskrizzjoni specifikat fl-artikolu 2149(a) ossia dak ta' sentejn.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta' dak premess, l-eccezzjoni in ezami ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, tichad l-eccezzjoni in ezami u tordna li dan il-kaz jitkompla u jigi deciz prevja li tigi kunsiderata l-eccezzjoni l-ohra u dan wara li, fi zmien gimghatejn mil-lum, l-istess konvenuti jispjegaw, b'nota fir-Registru ghaliex huma "……. ma ghandhomx jaghtu xejn lis-socjeta' attrici".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------